HAL BALZAN

IR-RABA' SENA NRU. 22 | LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU | MARZU/APRIL 1975

SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (22)

IL-KNISJA PARROKKJALI (10)

MINN DUN ĠWANN DIMECH

IL-KOR (2)

Issa li qegħdin nitkellmu dwar il-Kor, ma nistgħux ma nsemmux l-orgni tal-Knisja li fl-imgħoddi kien jinsab 'il fuq mis-sedji tal-Kor, kif jidher tajjeb mir-ritratt storiku li qegħdin nippubblikaw f'din il-ħarġa.

Kienet użanza fl-istruttura tal-knejjes li nbnew fi żmien tagħna li l-Orgni jitqiegħed fil-Kor. Għalhekk il-Knisja tagħna ma kinetx xi eċċezzjoni, u meta l-Kor kien lest inħaseb biex jinxtara l-Orgni u jitpoġġa fil-Kor bħal ma kien isir fi knejjes oħra.

Fir-reġistru tad-dħul tal-Knisja Parrokkjali nsibu li fl-1710, l-aħwa Imperja u Anna Frendo, werrieta tal-mejjet is-Sur Ġużeppi Frendo, fost ħafna donazzjonijiet li taw lill-Knisja, offrew lis-Sur Injazju Schembri ħames skudi bħala kontribuzzjoni għax-xiri ta' l-orgni. F'Awwissu tal-1711 persuna oħra tat kontribuzzjoni oħra. (1)

Jidher ċar li kemm it-taraġ li jagħti għall-orgni kemm il-ħnejja jew arkata fil-ħajt tal-Kor fejn kellu jitpoġġa l-orgni kienu tlestew waqt l-istess bini tal-ħitan tal-Kor. Għaliex l-ebda kont ma sibt li jirrigwarda dan ix-xogħol. Sibt biss li f'Mejju tas-sena 1726, Mastru Salv tas-Siġġiewi, l-istess li ħażżeż il-pjanta tas-Sagristija l-ġdida, kien ġie mħallas 2 skudi u 6 tari talli din id-darba ħażżeż id-disinn tal-gallarija ta' l-orgni. Din il-gallarija qamet 40 skud. (2)

Sa ma ġie ordnat l-orgni, għall-festi prinċipali b'mod speċjali għall-festa ta' Marija Annunzjata, il-Knisja kien ikollha tikri bħal speċi ta' orgni żgħir li kienu jsejħulu "Vagaletto". Dan nafuh mill-ktieb tal-ħlas. Insibu li fis-sena 1716 il-Knisja ħallset 10 tari għall-kiri ta' dan il-Vagalett. Kif ukoll dak li daqqu fil-festa ta' l-Annunzjata ħa 3 skudi. Insibu li sar l-istess f'Marzu tal-1722, u fis-snin ta' wara sas-sena 1726. (3)

Għalhekk fl-1726 ġie ordnat orgni mdaqqas għand id-Ditta Felice Platamone ta' Acireale fi Sqallija. Dan l-orgni qam 216-il skud. Tannoll biex dan l-orgni jinġieb mill-port ta' Messina tħallsu 3 skudi u 9 tari. U fl-aħħarnett biex inħatt minn fuq il-bastiment u biex inġarr mix-xatt tal-Belt sal-Knisja Parrokkjali tħallsu 3 skudi u 4 tari. U la darba għandna l-ktieb tal-kontijiet, nispiċċaw billi ngħidu li meta l-orgni ġie mqiegħed f'postu saritlu purtiera biex tħarsu mit-trab li fit-tarf tagħha t'isfel twaħħlet ħadida biex bil-piż titniżżel bil-ħeffa; din qamet 6 skudi u 10 tari. (4)

Mis-sena 1727 ma nsibux aktar ħlas ta' kiri ta' l-orgni peress li issa l-Knisja Parrokkjali kellha l-orgni tagħha, u l-ewwel organista kien Dun Publiju Mifsud. (5)

Insibu li f'Jannar tal-1736, Mastru Dumink Conti rċieva 5 skudi għal xi xogħol li għamel fil-gallarija ta' l-orgni. (6)

Fir-relazzjonijiet tal-Viżti Pastorali, l-ewwel darba li jissemma l-orgni kien nhar l-1 ta' Mejju 1736 fejn jingħad li l-orgni qiegħed fil-Kor fuq wieħed mill-bibien li jagħtu għas-sagristija, u li dan l-orgni jdoqq tajjeb ħafna. (7) Hekk imissu, orgni bħal dak ma jdoqqx tajjeb!

Fil-Viżta ta' wara, fl-1745, l-istess Isqof igħid li l-orgni qiegħed fuq is-sedji tal-Kor u fuq il-bibien li jagħtu għal ġos-sagristija. Reġa' wkoll tenna li jdoqq tajjeb. (8) "Meno male!"

L-Isqof Labini jgħidilna fil-Viżta tiegħu tad-9 ta' Ġunju 1781: "Fuq il-lemin tal-kwadru titulari, fuq is-sedji tal-kor hemm imdendel kwadru bix-xbieha ta' Marija Mtellgħa s-Sema". (9)

Niġu għall-kotba tal-kontijiet fl-Arkivju Parrokkjali, u fil-ktieb numru 30 insibu li meta Dun Salv Sammut kien Prokuratur tal-Knisja sar tiġdid u tibdil kbir fl-orgni.

Fis-26 ta' Frar 1823 beda t-tiġdid tal-gallarijiet ta' l-orgni. Inxtraw twavel ta' l-aħmar.

Fl-20 ta' Frar 1825 beda proprju x-xogħol fuq il-gallarija ta' l-orgni u fuq il-gallarija tal-faċċata l-oħra.

Nhar it-2 ta' Jannar 1827 l-imgħallem u xi ħaddiema ħadu 16-il skud u 4 tari. Iż-żewġ ħnejjiet fil-Kor u t-tqegħid ta' l-orgni ġew jiswew 1062 skud 8 tari. (10) Iż-żewġ gallarijiet qamu 1000 skud. (11)

F'Lulju tal-1827 Franġisku Labre' irċieva 17-il skud talli ħadem l-iskultura li hemm fuq il-finimenti ta' fuq il-kanen ta' l-orgni.

Nhar is-6 ta' Settembru 1827 is-Sur Feliċ Platamone u Savio bin Giovanni li joqogħdu f'Acireale, l-istess ditta li mitt sena qabel kienet ħadmet l-ewwel orgni, irċevew 312-il skud għal tnax-il reġistru: tnejn prinċipali, vuċi umana, żewġ flawti, sekond prinċipali, u sitt reġistri ta' ripieno, kif ukoll għal kanna taċ-ċomb ta' għaxart ixbar. (12) Il-kuntrabassi qamu 50 skud. Hekk ukoll qam il-minfaħ. It-tastiera qamet 15-il skud u l-bank prinċipali qam 100 skud. Għall-intonazzjoni ta' l-orgni 80 skud. (13)

REFERENZI:

1. ARKIV. PARR.: Lib. 8.
2. ARKIV. PARR.: Lib. 56.
3. Ibid. Cit.
4. Ibid. Cit.
5. Ibid. Cit.
6. Ibid. Cit.
7. ALPHERAN DE BUSSAN P.: Visit. Past. fol 330.
8. Ibid Cit. fol. 320.
9. LABINI V.: Visit. Past. fol. 289.
10. ARKIV. PARR.: Lib. 30 p. 45.
11. ARKIV. PARR.: Lib. 24.
12. ARKIV. PARR.: Lib. 30. p. 45.
13. ARKIV. PARR..: Lib. 24.

CONNIE'S SALON

47C, ST. FRANCIS STR., BALZAN

(formerly 'Mary Rose' Salon)

FOR EXPERT ADVICE ON HAIR AND SCALP CARE, EXPERT CUTTING and TINTING, etc.


FULLY QUALIFIED — CITY & GUILDS DIPLOMAS

For appointment

TEL. 43047

AVVIŻ

Ngħarrfu lill-qarrejja li min ikun irid jordna xi ritratti minn dawk li nippubblikaw fil-gazzetta jieħu ħsieb ikellem lil xi membru tal-Bord Editorjali.



Il-Knisja Parrokkjali tidher imżejna għall-festa titulari ta' l-Annunzjata. F'dan ir-ritratt, li ttieħed madwar tmenin sena ilu, fost il-ħafna tibdil li sar fil-Knisja ta' min jinnota l-orgni li qiegħed fil-kor u ż-żewġ prospettivi sbieħ tat-titular u ta' San Mikiel, li llum ma fadal xejn minnhom. (Ara l-Editorjal).

"HAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Hal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Hamrun.

Editorjal

★ RITRATT STORIKU

Ir-ritratt li qegħdin nippubblikaw fl-ewwel paġna ta' din il-ħarġa juri kif kienet il-Knisja Parrokkjali tagħna daqs tmenin, disgħin sena ilu, jiġifieri lejn tmiem is-seklu li għadda. Minn dan ir-ritratt jidher tajjeb li l-knisja tagħna għaddiet minn bidla, u għal min jaf josserva, minn bidla kbira. Imma l-iktar ħaġa li tolqot l-għajn f'dan ir-ritratt storiku huwa dak ix-xogħol ta' skultura li kien iżejjen iż-żewġ prospettivi — tal-Kor u ta' San Mikiel — u li llum ma baqa' jidher minnhom xejn.

Hija tabilħaqq ħasra li dak ix-xogħol rikk ta' skultura, ta' sħab, figuri ta' anġli, u dekorazzjoni oħra, kellu jisfa mkisser b'mod li m'għad fadal l-ebda ħjiel tiegħu. Huwa verament għajb kbir li tħalla jsir dan kollu minn xi erbgħa li, għax mingħalihom jifhmu, jidhrilhom li għandhom jagħmlu li jogħġobhom. Kultant lanqas temmen li jkun hawn nies li jaslu sa hawn, li lanqas biss jafu jaraw u japprezzaw dak li hu sabiħ u li min jaf kemm ħa snin biex sar.

Ta' min isemmi, pero', li din il-mewġa ta' vandaliżmu — għax dan l-egħmil mhu xejn inqas minn hekk — ma laqtitx biss il-Knisja Parrokkjali tagħna. Il-Kan. Vinċ. Borg, fil-ktieb tiegħu "Il-Knisja Parrokkjali ta' Hal Tarxien", igħid hekk dwar il-knisja ta' dan il-post: "Fl-aħħar tas-seklu li għadda, il-manija li kienet bdiet taħkem f'Malta biex jillixxaw il-ħitan tal-knejjes minn dawn l-elementi dekorativi laħqet lil Hal Tarxien . . . mis-sena 1890 'il quddiem il-knisja ġiet imneżżgħa minn dan it-tiżjin fil-ġebel . . ." (paġna 70). Ma' Hal Balzan u Hal Tarxien, nistgħu nsemmu għadd ta' knejjes oħra li għaddew mill-istess diżgrazzja. Dan qed ngħiduh mhux biex niġġustifikaw dak li ġara fil-knisja tagħna, imma biex nuru li l-marda kienet aktar waħda nazzjonali milli parrokkjali.

Haqqu kull tifħir min ġibed dar-ritratt li bis-saħħa tiegħu nistgħu naraw — għalkemm żgur b'sogħba — dak li llum b'ebda mod ma nistgħu naraw b'għajnejna. Fl-aħħar ta' min jistaqsi fejn setgħet sabet ruħha din l-iskultura kollha u, dejjem jekk possibbli, jistgħux jinstabu l-fdalijiet għal meta jasal iż-żmien li fil-Parroċċa jkollna l-Mużew Parrokkjali.

★ ISMIJIET GHAT-TOROQ ĠODDA

Ilqajna bil-ferħ l-aħbar li reġa' tlaqqa' l-kumitat inkarigat mill-għoti ta' l-ismijiet lit-toroq. F'Hal Balzan għandna diversi toroq ġodda li għadhom sal-lum mingħajr isem. Nittamaw li l-kumitat konċernat jieħu għall-konsiderazzjoni tiegħu s-suġġerimenti li l-'Kunsill Ċiviku — Balzan' kien ressaq u bagħat wara l-laqgħa ġenerali tat-18 ta' Lulju 1973 (Ara HAL BALZAN Harġa Nru. 13, Settembru/Ottubru 1973).

Il-Kunsill Ċiviku tagħna kien issuġġerixxa li t-triq ta' wara l-knisja tissemma 'Triq San Gabriel', filwaqt li t-tliet toroq ġodda ta' ħdejn il-Linja jissemmew għal tliet Balzanin prominenti — Giuseppe Frendo, il-Prof. John Borg M.A., M.D., u l-Konti Bernardo Manduca — u li l-pjazzetta li tinsab f'tarf ir-raħal qrib il-Kulleġġ San Lwiġi tissemma 'Pjazza San Lwiġi'.

REAL LEATHER

BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .

BAGS . . . BELTS . . .

FANTASTIC COLOURS TO CHOOSE FROM

AND MADE-TO-MEASURE (IN ANY SIZE)

ZAMMIT LA ROSA

FOOTWEAR LTD.

GOOD SHEPHERD AVENUE, BALZAN

Telephone: 41082

DR. PIETRU PAWL AGIUS M.D.

(Jaqbad ma' l-artiklu f'paġna 4)

(Jaqbad ma' l-artiklu f'paġna 4)

Radd ta' Hajr

Inrodd ħajr lir-Rev. Ġ. Dimech u lis-sur V. Chetcuti tal-għajnuna fit-tfittxija tal-qabar ta' Dr. P.P. Agius.

Referenzi

(1) **Leħen is-Sewwa**, 5 Diċembru 1951. p. 5
(2) Dimech, G & Chetcuti, V., komunikazzjoni personali, 1975
(3) Agius, P.P. **Alcuni casi di difterite**, Malta, 1869
Agius, P.P. **Alcune osservazioni di P.P. Agius M.D. in risposta agli articoli pubblicati nell'Appello**, Malta, 1970
Corriere mercantile maltese, 3 dicembre 1869, p. 2
(4) Gulia, G. **Notizie cliniche sulla difteria** fil-**Corriere mercantile maltese**, 11 dicembre 1869 et seq.
Sammut, P. **Croce di Malta**, 7 dicembre 1869, p. 3
(5) Agius, P.P. **Poche nozioni d'igiene pratica compilata ad uso del popolo**, Malta, 1889
(6) Cassar, P. **The Institutional Treatment of the Insane in Malta**, Malta, 1949, pp. 27, 33, 55, 59 & 71
(7) **Il Barth**, 31 marzo 1876, p. 61
Cassar, P. **The Institutional Treatment of the Insane in Malta**, Malta, 1949, p. 59
(8) **Malta Government Gazette**, 26 June 1875, pp 234-37.
(9) **Il Barth**, 15 luglio 1875, p. 7
(10) Agius, P.P. **Alcune osservazioni sulla questione del grano avariato**, Malta, 1876
(11) Goldman, L. **When Doctors Disagree**, London, 1973, p. 131
(12) **World Health**, February 1963, p. 5
(13) **The Malta Times**, 24 July 1886, p. 3; 12 & 19 September 1885 pp. 2 & 6. **Malta Government Gazette**, 10 June 1886, p. 283 & 10 July 1886 p. 301
(14) Chadwick, O., Schinas G.C., & Agius, P.P. **Report on the Sanitation of Mdina and Rabat**, Malta, 1887
(15) **Le portafoglio maltese**, 8 luglio 1886, p. 2
(16) Keenan, P.J. **Report upon the Educational System of Malta**, Dublin, 1879, p. 124
(17) **Risorgimento**, 17 aprile 1890, p. 2
La rivista medica, 30 aprile 1890 p. 7
Il portafoglio maltese, 21 aprile 1890, p. 3, **The Malta Times**, 18 April 1890 p. 2, **The Malta Standard**, 18 April 1890 p. 2 u **Public Opinion**, 17 April 1890 p. 3 jgħidu li Dr. Agius miet Hal Lija.
(18) **The Daily Malta Chronicle**, 21 March 1935, p. 15
(19) **Hal Balzan**, Mejju/Ġunju 1972, p. 4

ITTRI LILL-EDITUR

L-AMBJENT F'HAL BALZAN

Sur Editur,

F'Hal Balzan ta' spiss insib min igħidli li r-raħal huwa minsi u li qatt ma jsir xejn dwar dak li huwa titjib fl-ambjent u wkoll titjib f'dak li huma bżonnijiet ġenerali. Nibdew miċ-ċentru tar-raħal, u wieħed jista' jgħid illi hija "DISGRACE". F'wesgħa bħal dik, li bi proporzjon ta' Hal Balzan hija wesgħa mdaqqsa sewwa, huwa għaġeb kif ma jaħbtux karozzi ma' xulxin ta' spiss.

F'dan il-misraħ naraw wiċċ ta' art mill-agħar, bl-asfalt f'kundizzjoni ħażina, karozzi pparkjati fejn ġie ġie, bi ftit bankini, ġebel u ħmieġ fit-triq il-ġdida ta' wara l-knisja, djuq esaġerat biex wieħed jidħol fi triq il-Lunzjata, tinda tal-karrozzi tal-linja f'pożizzjoni ħażina, u ħlief ambjent ta' ġebel ma tarax. Rigward dan irrid infisser li l-ebda gvern qatt ma ħaseb biex jitħawlu xi siġar bi pjan. Hawn ta' min ifaħħar l-isforz tal-familja Fitzgerald li bi sforz personali sebbħu r-rokna ta' fejn hemm id-dar tagħhom bi qsari sbieħ. Dan l-isforz jista' jiġi kkupjat effettivament minn individwi oħra kif ukoll mill-każini li jinsabu f'dawn in-naħat. X'hemm ħażin li l-każini jrawmu xi qsari fit-twieqi jew fil-gallarija tagħhom? Sforz ieħor għall-ħdura sar wara t-tinda tal-karozzi tal-linja. Dan kien sforz pjuttost individwali wkoll.

Hemm bżonn kbir ta' "traffic island" biex jiġu evitati kolliżżjonijiet tat-traffiku li xi darba jew oħra żgur għad isiru. Din it-'traffic island' jew iżjed minn waħda jistgħu jiġu nkorporati fi pjan li jkun irid jieħu ħsieb ukoll il-biċċa wiesgħa li hemm eżattament wara l-knisja li tista' ssir jew "play ground" għat-tfal jew "playground - cum - ġnien", speċi ta' mall żgħir bis-siġar. Parti minn din il-wesgħa għandu jkun għall-ipparkjar tal-karozzi li qiegħda tkun problema speċjalment nhar ta' Hadd fil-għodu, meta ħafna nies iridu bil-fors jipparkjaw ftit jardi biss bogħod mill-bieb tal-knisja. Dwar dak li huma bankini nistgħu ngħidu li ilu minn żmien żemżem li saru ftit jardi ta' bankini. Triq Idmejda ma fiha xejn u dawk in-nies kollha li jużaw din it-triq ħafna drabi jkunu f'periklu li jintlaqtu minn xi karozza. Din l-istess triq għandha ssir 'oneway', almenu fil-parti ta' fejn il-misraħ.

Rigward it-toroq l-oħra, kważi kollha jinsabu bla bankini, u mbagħad xi ngħidu għal Triq it-Tliet Knejjes, waħda mill-iżjed toroq bla sura? Possibbli li gvern wara l-ieħor ma jagħmlu xejn rigward l-ambjent ta' dan ir-raħal?

Wasal iż-żmien li l-għaqdiet kollha, speċjalment dawk politiċi, jagħmlu xi ħaġa, u jheġġu lid-deputati parlamentari u wkoll lill-partiti rispettivi biex jittieħdu passi biex isir xi ħaġa. Possibbli li l-ħafna nies ta' l-affari tagħhom (u dan ngħidu bir-rispett kollu) li jinsabu f'dawn l-għaqdiet u każini ma jagħmlux daqsxejn ta' sforz biex dawn l-affarijiet isiru?

Il-każin Laburista ta' Hal Balzan għandu dmir akbar li jsus fuq il-parlamentari Laburisti tad-distrett biex jiċċaqalqu għax dawn naturalment għandhom forza iżjed għar-raġuni li jiffurmaw parti mill-gvern imtella' mill-voti tal-poplu.

Ma jidhirlix li dawn huma xi talbiet esaġerati u lanqas talbiet li jqumu xi somom enormi. Jiena żgur li f'raħal bħal ma hu Hal Balzan, fejn parti sewwa min-nies għandhom x'jaqsmu ma' ġonna, joffru minn jeddhom il-manutenzjoni tas-siġar li jsiru fil-misraħ bħalma ngħidu aħna tisqija, tnaddif ta' ħaxix u xogħol ieħor żgħir li jkunu jinħtieġu dawn. Imma naturalment l-ewwel iridu jitħawlu dawn is-siġar.

Nispera li dawn l-erba' kelmiet dwar l-ambjent f'Hal Balzan ikunu bidu ta' ħidma minn min għandu għal qalbu lil dan ir-raħal. Hawnhekk ta' min ifaħħar lill-Għaqda San Gabriel għall-isforz tagħhom biex jaraw il-bieb tal-ġebel imwaqqaf mill-Gran Mastru Wignacourt fil-Fleur-de-Lys mibni mill-ġdid f'xi mkien f'Hal Balzan. Għalkemm dan ma nnexxiex, xorta ta' min igħid lil dawn in-nies, Grazzi.

Nicholas Bonello.

Nota Editorjali — L-ittri lill-editur mhux bilfors jirriflettu l-ideat tal-Bord Editorjali.

VALLEY BUTCHER

JOHN PULLICINO

FOR FIRST CLASS MEAT

AND SERVICE

121, VALLEY ROAD, BALZAN

Telephone: 42066

ĦSIEB SPIRITWALI

L-GĦID IL-KBIR

Meta dan in-numru tal-gazzetta jasal f'idejkom, tkun qorbot it-tifkira ta' l-akbar ġrajja ta' l-umanita' — l-GĦID IL-KBIR. Din il-festa terġa' tagħtina l-okkażjoni li niġġeddu, anzi aħjar li nsaħħu t-tiġdid ta' ruħna, li suppost li wasalna għalih matul ir-Randan bil-għajnuniet kollha li jagħtina.

Fil-funzjonijiet tat-tlitt ijiem tal-Għid, mill-Ħamis sas-Sibt, aħna ngħaddu flimkien mal-Knisja Ommna mit-tifkiriet ta' l-akbar imħabba li wriena Ġesù meta waqqaf is-Sagramenti ta' l-Ewkaristija u ta' l-Ordni Sagri, għall-mewt tiegħu li biha fdiena, biex imbagħad miegħu nifirħu fil-qawmien tiegħu.

Imma xi jkun jiswielna dan kollu jekk aħna ma nqumux tassew ma' Kristu għal ħajja ġdida? Jekk aħna nafu li Ġesù, bħala r-Ragħaj tagħna, jimxi quddiemna biex aħna mmiddu l-passi tagħna fuq tiegħu, l-Għid tagħna jrid ikun bħal dak ta' Ġesù. Fil-katekiżmu tgħallimna li Huwa qam mill-mewt biex ma jerġax imut iżjed. Il-liturġija tal-Knisja tgħidilna li Huwa "qered il-mewt tagħna bil-mewt tiegħu, u reġa' tana l-ħajja bil-qawmien tiegħu." Mela aħna għandna ngħaddu f'dan iż-żmien mill-mewt għall-ħajja, u tassew dan il-passaġġ irid ikun qawmien għal dejjem, jiġifieri li ma nerġgħux immutu, li d-dnub ma jaħkemx aktar fuqna.

Għalhekk ukoll il-Knisja trid li f'dan iż-żmien jitbierku d-djar ta' l-insara, jew aħjar jitbierku l-familji nsara, biex huma jilqgħu fihom u fi djarhom il-barka ta' ĠESÙ RXOXT u miegħu jkomplu jgħixu l-ħajja ġdida tiegħu. Kemm hija sabiħa r-reliġjon tagħna għal min irid jifhem it-tifsir veru tagħha!

Il-Kappillan.

FESTA TA' MARIJA ANNUNZJATA

Din is-sena, il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata ma ġietx iċċelebrata fl-jum proprju tagħha, jiġifieri fil-25 ta' Marzu, minħabba li dan il-jum kien jaħbat it-Tlieta tal-Ġimgħa l-Kbira. Għaldaqstant il-festa liturġika ta' l-Annunzjata se ssir nhar it-Tnejn 7 t'April.

Bħal fis-snin l-imgħoddija, minbarra l-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja Parrokkjali tagħna, u l-quddiesa fil-knisja ż-żgħira ta' l-Annunzjata, l-ewwel parroċċa, il-Każin tal-Banda 'San Gabriel' ħaseb biex dak in-nhar wara l-funzjonijiet ta' fil-għaxija l-banda ddoqq marċi brijużi u tferraħ it-toroq prinċipali tar-raħal tagħna, jiġifieri t-toroq tal-purċissjoni.

Nappellaw l-ewwelnett lil dawk li għandhom l-arbli biex dak in-nhar itellgħu l-bandiera, u t-tieni nett lin-nies kollha tar-raħal tagħna, u b'mod speċjali lil dawk li joqogħdu fit-triqat mnejn tgħaddi l-banda, sabiex jixegħlu l-gallerija tad-djar tagħhom biex b'hekk mhux biss idawlu t-toroq imma fl-istess ħin jagħtu iktar xejra ta' festa kif jixraq lil dan il-jum.

VIVA MARIJA ANNUNZJATA

GĦAL KULL XORTA TA' VJAĠĠAR, ĠITI, BL-AJRU, BIL-BAĦAR, EĊĊ.

irrikorru għand is-Sur

Nicholas Bonello

Manager ta'

TRAVELWAYS INTERNATIONAL

21, ST. JOHN STR., VALLETTA

Ċemplu 21756

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Tfal,

Din id-darba l-kompetizzjoni li ħejjejnielkom hija tassew interessanti u titlob ftit ta' l-attenzjoni; biss għal dawk it-tfal li jħobbu josservaw hija verament faċli. Ħarsu sewwa u bir-reqqa lejn ir-ritratt li jidher fl-ewwel faċċata. Din hija parti mill-knisja tagħna kif kienet qabel ma saru xi tibdiliet fiha. Meta tiflu tajjeb dan ir-ritratt issibu li ħafna affarijiet illum m'għadhomx hemm. Xogħolkom huwa li ssibu ħafna minn dawn l-affarijiet li nbidlu, u r-rebbieħ ikun dak li jsib l-akbar numru ta' ħwejjeġ li nbidlu. Naturalment, bħas-soltu, jekk ikun hemm tnejn jew aktar li jsibu numru ndaqs ta' dawn il-ħwejjeġ, isimhom jitla' bix-xorti.

Qabel ma niġu għar-riżultat u r-rebbieħ ta' l-aħħar kompetizzjoni, nixtieq ngħidilkom li din id-darba n-numru ta' tfal li daħlu għaliha kien tassew sabiħ. Prosit, tfal, u komplu interessaw ruħkom mhux biss fil-kompetizzjoni imma fil-gazzetta kollha sabiex titgħallmu aktar fuq Ħal Balzan, raħal twelidna.

Bħas-soltu, ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letterbox' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 19 t'April, 1975.

It-tweġibiet tal-kompetizzjoni ta' l-aħħar ħarġa kienu:

1. Sebbħuhom; 2. Barmil; 3. Sellum; 4. Marzu; 5. Paragun; 6. Ħanin; 7. Kwadri (Stampi; Avviżi); 8. Awstraljan.

Il-kelma fil-kaxxi mmarkati bl-iswed kienet 'Balzanin'.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni huwa Tano Saliba, li joqgħod 'Calypso House', Triq il-Papa Alessandru VII, Ħal Balzan. Il-premju nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież tfal,

F'din il-ħrafa li se niktbilkom illum il-ħsieb tiegħi huwa li nifthilkom għajnejkom dwar il-ħbieb li tagħmluha magħhom, għax kif igħid il-qawl Malti: "Xortik minn ħbiebek".

Żewġ vjaġġaturi, qabel ma bdew il-vjaġġ perikoluż tagħhom fil-foresta, wiegħdu lil xulxin illi jekk jiltaqgħu ma' xi periklu wieħed igħin lill-ieħor.

Ma laħqux imxew wisq meta f'daqqa waħda deher sejjer għal fuqhom ors kbir li kien moħbi wara s-siġar.

Wieħed mill-vjaġġaturi, minħabba li kien ftit ħafif u wkoll kellu xi ftit tal-prattika, mingħajr ma ħaseb f'sieħbu, tela' malajr fuq siġra fejn kien żgur li l-ors ma kienx se jilħqu.

L-ieħor, miskin, meta ra li ma kien baqagħlu l-ebda ħin biex jeħles mill-periklu, kollu mbeżża' nxteħet ma' l-art, żamm nifsu u għamel ta' bir-ruħu mejjet, għax igħidu li l-ors ma jikolx iġsma mejta.

Meta l-ors resaq lejh u beda jxommu, ra li ma kienx jieħu nifs u għalhekk ħallieh u baqa' sejjer. Hekk kif tbiegħed sewwa, il-vjaġġatur ta' fuq is-siġra niżel u bid-daħka f'fommu staqsa lil sieħbu: 'Ħabib, x'qallek sabiħ l-ors, għax rajtu jressaq ħalqu ħdejn widnejk?'

L-ieħor malajr wieġeb: 'Ħaġa sabiħa tassew qalli. Hu tani parir biex ma nagħmel qatt ħbiberija ma' dawk li jħalluni waħdi f'waqt il-periklu'.

MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI

Nifirħu bil-membri ġodda tal-Parroċċa li saru ħutna fi Kristu bil-Magħmudija:

Marcus Vella Bardon, bin Mark John, B.Ch.D. u Alina, imwieled fis-6 ta' Diċembru, 1974.

Nadine Wallace, bint Frank u Mary, imwielda fil-20 ta' Diċembru.

Mavis-Ann Grech, mart Michael.

Stephen-Paul Grech, bin Michael u Mavis Ann u

Michael-John Grech, bin Michael u Mavis Ann imwielda fit-12 ta' Jannar, 1975.

Ian Anastasi, bin Victor u Maria, imwieled fis-27 ta' Jannar.

Alexandra Vassallo, bint George u Margaret, imwielda fis-17 ta' Frar.

Samuel Farrugia, bin Leonard u Mary Anne, imwieled fl-24 ta' Frar.

Nilqgħu fostna lil dawn il-familji ġodda tal-Parroċċa tagħna:

Charles Borg u Rose Zammit, fis-26 ta' Jannar.

Emmanuel Bajad u Mary-Anne Scicluna, fl-1 ta' Marzu.

Nitolbu għal ħutna li għaddew għall-ħajja ta' bla tmiem:

Dr. Joseph Salomone, LL.D., fis-27 ta' Jannar.

Lorenza Mallia, fis-16 ta' Frar.

Suor Orsola Geraghty, tal-Karita', fil-20 ta' Frar.

Ġużeppi Grech, fil-25 ta' Frar.

Maria Caruana, fil-25 ta' Frar.

Caterina Azzopardi, fit-2 ta' Marzu.

KUMITAT TAS-SOĊJETA' MARIJA ANNUNZJATA

BALZAN 1975

Presidenti Onorarji: Dr. Giorgio Borg Olivier LL.D., Hon. D. Litt., M.P.
Chev. Oscar Calleja Urry, K.S.G., A.R.S.H.
President: Paul Grima
Viċi President: Michael Torpiano
Segretarju: Charles Chetcuti
Ass. Segretarju: Charles Attard
Kaxxier: Paul Camilleri
Ass. Kaxxier: Alfred Barbara
Membri: Joe Borg, Rużar Chetcuti, Salvu Mallia, Sunny Mallia, Dominic Sammut.
Direttur Spiritwali: Rev. John Zammit Hammet
Konsultenti Legali: Dr. Albert Borg Olivier de Puget LL.D., M.P.
Dr. Joseph M. Fenech LL.D., B.A. (Hons.)

VITAFOAM

ISEM TA' GARANZIJA

PRODOTTI —
SAQQIJIET
IMĦADED
CUSHIONS U AFFARIJIET
OĦRA TAL-FOAM

Irrikorru:

VITAFOAM MALTA LIMITED

Industrial Estate, San Ġwann (B'Kara)

Telephone: 36275/76

OMM TITGĦAMMED MA' WLIEDHA

Okkażjoni tassew rari kienet fil-Parroċċa tagħna l-Magħmudija tas-sinjura Mavis Ann Grech, mart is-sur Michael, nhar il-Ħadd, 16 ta' Frar li għadda. Kienet okkażjoni speċjali mhux għaliex tgħammdet waħda kbira, għaliex din hija ħaġa li ssir spiss hawn Malta, għall-grazzja ta' Alla; imma għaliex mas-sinjura Grech ġew imgħammdin ukoll żewġ uliedha tewmin, Stephen Paul u Michael John, li twieldu fit-12 ta' Jannar, kif ukoll għaliex Mrs Grech wara l-Magħmudija tagħha rċeviet fl-istess ħin is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof. Mexxa ċ-ċerimonja kollha l-Kappillan, Dun Karm Sciberras.

STARLETS

284, HIGH STREET, BALZAN

STATIONERY, TOYS, PAPER BACKS, NEWSPAPERS AND CIGARETTES

Telephone: 41644

DR. PIETRU PAWL AGIUS M.D.

ĦADDIEM BLA HEDA GĦALL-ĦARSIEN TAS-SAĦĦA PUBBLIKA

MIDFUN FIL-PARROĊĊA TA' ĦAL BALZAN

MINN DR. PAWLU CASSAR M.D., B.Sc., D.P.M.(ENG.), F.R. HIST. S. (LOND.)
Fellow of the Royal University of Malta

Anqas ma jixegħlu musbieċ u jqegħduh taħt il-kejl, iżda fuq l-imnara ħa jdawwal 'il min hu fid-dar.
San Mattew Kap. 5, v. 15.

SA L-1951 META TLESTA L-IRĦAM TAL-PAVIMENT TAL-KNISJA PARROKKJALI TA' MARIJA ANNUNZJATA TA' ĦAL BALZAN (1) L-ART KIENET MIKSIJA B'GĦADD TA' LAPIDI LI KIENU JGĦATTU L-OQBRA MXERRDA FIN-NAVI U FIL-KAPPELLUNI. ILLUM FTIT FADAL OQBRA LI JISTGĦU JINTGĦARFU MIL-LAPIDI. FOST DAWK LI M'GĦADHOMX JIDHRU U MA JISTGĦUX JIĠU IDENTIFIKATI HEMM IL-QABAR TAT-TABIB DR. PIETRU PAWL AGIUS. KULL MA SIRNA NAFU MID-DOKUMENTI TAL-PARROĊĊA TA' ĦAL BALZAN HU LI D-DIFNA SARET FIL-QABAR NUMRU 18. BILLI MA TEŻISTIX PJANTA LI TURI KIF KIENU MQASSMA L-OQBRA FIL-KNISJA, MA STAJNIEX INKUNU ŻGURI FEJN KIEN JINSTAB IL-QABAR NUMRU 18, IŻDA TAGĦRIF LI TAWNA NIES TA' MIN JOQGĦOD FUQ KELMTHOM, DAN IL-QABAR AKTARX KIEN FIL-KAPPELLUN TAL-MADONNA TAR-RUŻARJU (2).

Dr. P.P. Agius twieled fit-30 ta' Ġunju 1837 f'Ħaż-Żebbuġ. Huwa studja fl-Università ta' Malta fejn ħa l-lawrja fil-mediċina u fil-kirurġija. Ftit wara li sar tabib daħal fis-servizz mediku tal-gvern bħala Tabib Distrettwali fl-Imsida.

Dik il-ħabta, il-marda tad-difterite kienet qiegħda tagħmel straġi fost it-tfal ta' gżiritna. X'aktarx li din il-marda dehret fostna għall-ewwel darba mijiet ta' snin qabel billi nsibu dokumentat li fl-1452, kienet żaritna "marda tal-grieżem" li qerdet ħafna nies. Ma hemmx dubju, iżda, li l-marda tal-grieżem li dehret fl-1857 kienet difterite. Din l-infezzjoni xterdet bil-mod il-mod sakemm fl-1870 xegħlet bħala epidemja u qerdet 324 tifel u tifla. Dr. P.P. Agius kien mill-ewwel tobba maltin li studja u kiteb fuq din il-marda fi ktejjeb bit-taljan dwar il-każi li huwa osserva fl-Imsida fl-1869 (3). B'din ix-xandira huwa qanqal lil tobba oħrajn — bħalma huma Dr. P. Sammut u Dr. G. Gulia — biex jistudjaw u jippubblikaw ir-riżultati u l-esperjenzi tat-tfittix tagħhom fuq din il-marda (4).

Dak iż-żmien ħadd ma kien jaf li din il-marda kienet ġejja minn mikrobu u għalhekk ma kienx hemm mezzi ta' siwi għall-fejqan tagħha; difatti Dr. Agius ma kienx jordna ħlief it-tlaħliħ tal-grieżem u tal-ħalq bil-klorur tal-potassa. Ta' min isemmi li ma kienx ħlief fl-1895 — ħames snin wara l-mewt ta' Dr. Agius — li nġieb Malta għall-ewwel darba l-"antitoxic serum" biex bih jinjettaw it-tfal kontra din il-marda.

Dr. Agius kien impressjona ruħu mhux biss bil-qirda li għamlet id-difterite, imma wkoll b'mard ieħor epidemiku u nfettiv li kien qiegħed jidħol fi gżiritna. Il-biża' tiegħu kien li, kif qal hu, "mħabba l-invenzjonijiet moderni (fit-trasport) pajjiżi li qabel kienu mbegħdin ħafna minn xulxin issa ġew aktar qrib bil-komunikazzjoni ta' malajr li hemm bejniethom". Ta' min jiftakar li Dr. Agius kien qiegħed jikteb dan il-kliem mitt sena ilu, meta l-mezzi tat-trasport li semma Dr. Agius ma kinux ħlief il-ferrovija u l-bastimenti bli-"steam". Meta wieħed jikkonsidra li r-rapidità ta' vjaġġar ta' dawn il-mezzi ma hija xejn ħdejn dik ta' l-ajruplan, bil-perikoli li jeżistu għat-tixrid ta' mard infettiv mill-passiġġieri, wieħed jintebaħ kemm kien qiegħed iħares 'il bogħod fil-ġejjieni Dr. Agius fil-qasam tal-ħarsien tas-saħħa pubblika. Għalhekk huwa fittex li jgħallem lin-nies ir-regoli elementari ta' l-iġjene, billi jurihom l-importanza tal-ventilazzjoni u ta' l-indafa, kif għandhom jinbnew id-djar biex jiżguraw li jkunu mdawla u mħarsin mill-umdita', il-ħtieġa tad-disinfezzjoni f'każi ta' mard u tal-għażla u l-preservazzjoni ta' l-ikel u x-xorb.

In-nies ftit kienu jaħsbu kif jistgħu jħarsu lilhom infushom mill-mard infettiv u kien hemm min kien jagħmilha ta' kuraġġuż u jgħid li ma jibżax minn dan il-mard. Dr. P.P. Agius widdeb lil dawn in-nies li "l-kuraġġ ma jikkonsistix fil-ftaħir li wieħed ma jibżax mill-kolera, ġidri, tifu u pesta.. bħal ma huwiex kuraġġ li wieħed jiftaħar li ma jibżax mill-balal tal-kanun u mis-sajjetti... Iżda l-veru kuraġġ jikkonsisti filli wieħed, għalkemm jifhem li meta jersaq ħdejn l-infezzjoni huwa jista' joħodha daqs ħaddieħor, b'danakollu huwa ma jistmerrx li jesponi ruħu għal dan il-periklu meta d-dmir u l-karita' jinħtieġu hekk" bħal ma jagħmlu t-tobba u l-infermieri għaliex imġegħlin mid-dmir li jassistu lill-marid (paġna 35). Bil-għan li jxerred dawn l-ideat ippublika ktieb bit-taljan bl-isem **Regole d'igiene pratica raccolte ad uso del popolo**, fl-1872. Huwa reġa' kiteb fuq dan is-suġġett fl-1889 meta żied għadd ta' mistoqsijiet u tweġibiet dwar it-trobbija tat-trabi (5). Dr. Agius f'dan l-aħħar ktieb (paġna 16) wera l-ħsieb li jippubblika "minn hawn u ftit taż-żmien ieħor" studju fuq id-dranaġġ, iżda dan ma seħħx għax miet is-sena ta' wara.

Fl-1873 Dr. Agius inħatar Supretendent Mediku ta' l-Isptar Mentali ta' H'Attard fejn dam sal-1875. Għalkemm dan il-perijodu kien qasir, Dr Agius wera inizjattiva biex javvanza t-trattament tal-marid mentali billi introduċa ideat ġodda. F'Novembru 1874 huwa ppropona li jinbnew żewġ swali għall-konvalexxenti, waħda għan-nisa u oħra għall-irġiel, biex dawk li jkunu qabdu t-triq tal-fejqan ma jinżammux mal-morda kroniċi jew storbjużi. Din ix-xewqa tat-tabib Agius ma seħħitx fi żmienu iżda erbgħa u ħamsin sena wara jiġifieri fl-1928.

Huwa kien l-ewwel tabib ta' dan l-isptar li beda jagħmel tiftix fuq il-ġisem ta' morda li kienu jmutu fl-isptar biex jitkixxef x'kienet il-kawża tal-marda tal-moħħ tal-pazjent. L-ewwel eżami ta' din ix-xorta kien għamlu fil-21 ta' Diċembru 1873 ma' l-assistent tiegħu Dr. A. Gulia. Huma sabu li l-moħħ ma kienx normali iżda ma setgħux jagħmlu studju bir-reqqa kif xtaqu billi l-isptar ma kienx provdut b'mikroskopju li kien jinħtieġ biex wieħed jistudja ċ-ċelluli li jiffurmaw il-moħħ u li l-għajn tal-bniedem ma tasalx biex tarahom jekk ma jiġux imkabbra bil-lentijiet tal-mikroskopju.

Dr. Agius wera li kien japprezza l-effett tal-mużika fuq l-emozzjoni tal-bniedem, u għalhekk ipprova jorganizza banda fost il-pazjenti. Għalkemm irnexxielu jsib surmast u jiġbor għadd ta' strumenti, il-ħsieb tiegħu ma seħħx; dan iżda ma qatagħlux qalbu li jkompli jtejjeb il-qagħda tal-marid f'oqsma oħrajn. Dak iż-żmien ma kienx hawn il-mediċini li għandna llum u għalhekk il-kura b'dan il-mezz ma kenitx teżisti. Minħabba f'hekk il-marid kien imur lura, jingħalaq fih innifsu, jiżola ruħu minn niesu u jitlef l-interess fil-ħajja soċjali u minn dak li jkun qiegħed jiġri fid-dinja. Biex jevita dan id-deterjorament, Dr. Agius qata' — u din id-darba rnexxielu tassew — li kultant joħroġ gruppi ta' morda tajbin għall-passiġġati 'l barra mill-isptar. L-ewwel ħarġa saret fit-2 ta' Ġunju 1874 meta għadd ta' pazjenti ttieħdu bl-omnibus fil-ġonna tal-Buskett. Tant swew ta' ġid dawn il-ħarġiet li bdew isiru aktar ta' sikwit u regolarment; infatti d-drawwa tagħhom ma qatgħet qatt u għadha sseħħ sal-lum, mitt sena wara li Dr. Agius organizza l-ewwel waħda.

Dr. Agius fehem tajjeb l-influwenza li ideat reliġjużi jistgħu jkollhom fuq xi wħud mill-morda mentali u l-funzjoni tas-saċerdot li jkollu f'idejh it-tmexxija tal-ħajja spiritwali ta' dawn il-pazjenti. Għalhekk huwa kien insista fit-18 ta' April 1874 ma' l-awtoritajiet tal-gvern li mhux kull qassis huwa addattat biex jagħmilha ta' kappillan fl-isptar mentali u li l-għażla ta' dan l-uffiċjal kienet tinħtieġ li ssir bir-reqqa billi l-karattru u t-tattika tiegħu kellhom influwenza kbira fuq il-ħsibijiet u l-emozzjoni tal-pazjenti (6).

L-ewwel rapport statistiku dwar it-tmexxija ta' l-Isptar Mentali u l-qagħda tal-morda tiegħu, inkiteb mit-tabib Agius u mill-assistent tiegħu Dr. A. Gulia fl-1875. Huma taw tagħrif dwar il-kwalità tal-mard li kienu ltaqgħu miegħu; lista ta' l-ibliet u rħula mnejn ġew il-morda; il-klassi soċjali tagħhom; u l-kawża tal-mewt ta' dawk li mietu fl-isptar (7).

Meta fit-23 ta' Ġunju 1875 twaqqaf f'Malta l-Uffiċċju tas-Sanità li minnu tnissel id-Dipartiment tas-Saħħa tal-lum, Dr. Agius intgħażel **Sanitary Inspector**, kariga li kienet tiġi wara dik tal-Kap ta' dan l-Uffiċċju u ta' l-Assistent tiegħu (8), u mar joqgħod il-Belt Valletta (9).

F'Marzu tas-sena ta' wara nqalgħet kwistjoni dwar jekk kwantità ta' qamħ kienx tajjeb jew le għall-konsum tal-pubbliku. L-affari spiċċat il-qorti u Dr. P.P. Agius, flimkien ma' Dr. V. Micallef, Professur tal-Kimika fl-Università, inħatar espert biex jistudja l-każ u jagħti l-opinjoni tiegħu jekk dan il-qamħ kienx tajjeb biex jittiekel mill-bnedmin jew mill-annimali. Dr. Agius u Dr. Micallef sabu li l-qamħ ma kienx tajjeb għall-bnedmin. Huma kienu wkoll kuntrarji li jingħata lill-annimali, għaliex, avolja dawna setgħu jikluħ mingħajr ma jġarrbu ħsara, seta' jagħti l-każ li kien hemm periklu għal dawk il-bnedmin li jieklu l-laħam ta' dawn l-annimali. Id-difiża m'aċċettatx din il-konklużżjoni tal-perizja ta' Dr. Agius u Dr. Micallef, u l-qorti nnominat tliet esperti oħra biex jagħtu l-opinjoni tagħhom (Dr. G. Gulia, Dr. C.O. Borg u G.B. Xerri). Dawn qablu li l-qamħ ma kienx tajjeb għall-bnedmin iżda qalu li kien tajjeb biex jittiekel mill-annimali. Il-qorti qagħdet fuq din id-deċiżżjoni; iżda l-każ qajjem polemika bejn Dr. Agius u Dr. G. Gulia, fejn Dr. Agius ikkritika l-metodu ta' stħarriġ ta' Dr. Gulia billi l-esperimenti li għamel Dr. Gulia kienu fuq għadd żgħir wisq ta' annimali u għalhekk ma kellhomx siwi statistiku u l-annimali ma ġewx osservati għal żmien twil biżżejjed. "B'hekk biss", sostna Dr. Agius, "wieħed jista' jinduna bl-effetti ta' dawk il-proċessi morbużi li jaħkmu bil-qajla l-qajla fuq il-ġisem" (10). Dak iż-żmien deher li dan l-argument ta' Dr. Agius ma kienx ta' min jorbot fuqu iżda l-iżvilupp tax-xjenza medika li sar ħafna snin wara mewtu jagħtih raġun sħiħ u jtellagħlu ġieħu mal-ġenerazzjoni tax-xjenzati tal-lum; bħala turija nsemmu dak li ġara fi żmienna, fl-aħħar tas-sena 1961, meta t-tobba ntebħu li **tablets** tat-**thalidomide**, li kienu jittieħdu min-nisa tqal kontra l-eċċitament nervuż, ikkawżaw mankamenti f'aktar minn sitt elef tarbija tat-twelid (11). Dan id-diżastru ġara għaliex insejna l-kliem għaqli ta' Dr. P.P. Agius li llum ġie msaħħaħ mix-xjenzati, jiġifieri (a) li ċerti sustanzi jdumu ħafna biex juru l-effetti ħżiena tagħhom f'min joħodhom u għalhekk, bħal ma qal Dr. Agius, irid igħaddi perijodu twil ta' osservazzjoni qabel ma dawn il-prodotti għandhom jiġu mogħtija lill-bniedem; u (b) li għalkemm ċerti prodotti ma jagħmlux ħsara lil ċerta speċi ta' annimali jistgħu jkunu ta' periklu għall-bniedem (12).

Fl-1885 Dr. Agius laħaq eżaminatur fil-Fakolta' Medika tal-Università. Fl-1886, bħala Spettur Sanitarju Anzjan, huwa daħħal sistema ġdida ta' klassifikazzjoni tal-kawżi tal-mewt fil-gżejjer maltin. Din il-klassifikazzjoni ġiet imfaħħra għas-sempliċita' u għar-reqqa tagħha u wkoll għat-tifsir li Dr. Agius ta biex jitfa' aktar dawl fuq it-tagħrif statistiku tal-mard (13). Fl-1887, flimkien ma' Osbert Chadwick u Prof. G.C. Schinas, inħatar membru ta' kummissjoni biex tistudja l-qagħda sanitarja ta' l-Imdina u tar-Rabat (14). Huma sabu ħafna difetti fil-bini tad-djar u fid-drawwiet tal-poplu għal dak li kellu x'jaqsam mal-ħarsien tas-saħħa pubblika u privata. Fost ħwejjeġ oħra huma kkundannaw l-użu tal-fosos (cesspools) billi sabu li ħafna minnhom, għalkemm issimentjati tajjeb, kienu jiġu mxaqqa għal ta' l-apposta b'daqqiet ta' baqqun mis-sidien tad-djar biex il-likwidu jgħaddi minn ġo fihom għal ġol-blat u b'hekk jiffrankaw l-ispiża tat-tbattil tagħhom. Għalhekk Dr. Agius u l-membri l-oħra rrakkomandaw li jitneħħew il-fosos u ssir sistema ta' dranaġġ billi jitqiegħdu pajpijiet taħt l-art biex jilqgħu u jġorru l-materjal mid-djar.

It-triqat ma kenux miżmuma tajjeb għal dik li hija ndafa billi ma kenux jinkinsu ta' spiss. Il-kummissjoni ħeġġet lill-gvern biex joħloq sistema għal ġbir regolari u ta' spiss taż-żibel li kien jinġabar fit-triqat. Huwa mertu kbir ta' Dr. Agius u tal-membri l-oħra ta' din il-kummissjoni li dak li qalu kważi mitt sena ilu għadu jgħodd sal-lum. Il-kontribut ta' Dr. Agius kien apprezzat minn nies ta' żmienu. "It-tabib Agius", intqal f'wieħed mill-ġurnali ta' dik l-epoka, "huwa magħruf sewwa għall-kapaċita' tiegħu mhux biss f'pajjiżu iżda wkoll barra minn Malta" (15).

Il-ħidma ta' Dr. Agius ma kenitx biss fil-qasam mediku. Huwa kien wieħed mill-pijunieri li fis-seklu li għadda għamel ħiltu biex iġib 'il quddiem it-tagħlim ta' l-ilsien Malti. Huwa kien imsieħeb fis-Societa' per la coltura della lingua maltese li kellha l-għan li xxerred it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel elementari tal-gvern u tinkoraġġixxi l-kitba ta' lsienna skond l-alfabet li kien ġie midmum mis-Societa' filologica maltese għall-ħabta tal-1850 (16). Meta fl-1879 l-espert irlandiż fil-qasam ta' l-edukazzjoni, Mr. P.J. Keenan, inġieb Malta mill-gvern biex jagħti pariri dwar is-sistema ta' l-edukazzjoni ta' gżiritna, Dr. P.P. Agius ma naqasx, flimkien ma' membri oħra tas-Societa' per la coltura della lingua maltese, li jieħu sehem f'rapport għall-konsiderazzjoni ta' Keenan biex itejjeb it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel primarji tal-gvern.

Fil-bidu tal-1890 Dr Agius marad u ġie Ħal Balzan għat-tibdil ta' l-arja. Huwa miet f'dan ir-raħal fis-16 ta' April fl-għomor ta' 53 sena (17). Huwa kellu tliet ulied — Pawlu, Marjanna u Karmena. Pawlu, li ġieli kien jikteb ismu P(ietru) P(awl) Agius bħal missieru, studja l-mediċina u sar tabib fl-1892. Barra mill-prattika medika, Dr. Pawlu Agius daħal fil-politika u fil-ġurnaliżm u u ħa sehem f'polemiki l-aktar kontra d-Dipartiment tas-saħħa. Huwa miet bla tfal fit-18 ta' Marzu 1935 ta' 68 sena f'tas-Sliema (18).

Jiena ġa kelli okkażjoni nitkellem dwar il-lapidarju tal-Knisja ta' Ħal Balzan meta ftit snin ilu ktibt f'Ħal Balzan fuq il-ħajja ta' Fr. Dr. Joseph Zammit, tabib tas-seklu tmintax, midfun f'din il-knisja (19). Minn dak iż-żmien sirt naf li fil-knisja żgħira ta' Santa Marija f'dan ir-raħal hemm għadd ta' lapidi ta' l-irħam li nqalgħu mill-art tal-parroċċa fl-1951. Nixtieq nissuġġerixxi li dawn il-lapidi flok jibqgħu minsija u stivati fuq xulxin, jiġu trasferiti fiċ-ċimiterju ta' Ħal Balzan u mwaħħla mal-ħitan. B'hekk tibqa' sseħħ it-tifkira ta' min miet qabilna u jinżammu fid-deher id-dokumenti tal-ġrajja ta' pajjiżna; għax ġebla jew irħama b'kitba fuq qabar hija dokument daqs kemm huma l-manuskritti u l-pubblikazzjonijiet, u xi drabi tista' tagħtik tagħrif li ma ssibu mkien ieħor.

(Ara paġna 2)